# Dizzjunarju ta' Sinonmi Maltin bl-etimoloġija tal-kliem

*(Jorbot ma' "Leħen il-Malti" għadd 128-132)*

## AGAR, KARITÀ, LIMOSINA

Agar, (Għ. 'ġr *remuneration* minn *'aġara* to reward, to hire, Hava). Kelma mejta fil-Malti. Skond il-Falzon u l-Caruana tfisser "*limosina*: cio che si da ai poveri per carità." Donnu minn nisel il-kelma jidher li *agar* kien dik ix-xi ħaġa li nagħtu 'l xi ħadd li jkun għamlilna xi xogħol imma aktar biex bħal dak li qallu nieqfu miegħu milli biex inħallsuh. U jista' jkun li għalhekk il-kelma waslet biex biż-żmien tilfet it-tifsira ewlenija tagħha sa ma llum intsiet għal kollox, u flokha ngħidu l-kelmiet li ġejjin :

*Karità* (Tal. *carità* mill-Lat *caritas*, dearness, high price, *carus* dear, għażiż). Fis-sens ġenerali *karità* hi kull turija ta' mħabba mogħdrija, u *għożża* lejn għajrna bħala lilna nfusna u lkoll xorta wlied Alla. Għall-poplu imma *karità* hi l-aktar dik ix-xi ħaġa li nagħtu lill-fqar. Jonqos mill-*karità* minn ma jaħferx in-nuqqasijiet ta' għajru. Hi *karità* l-għajnuna li f'ġieh Kristu nagħtu lil min hu fil-bżonn.

*Limosina* (Tal. *elemosina* mill-Grieg *Eleemosyna*, mogħdrija), hi wkoll kull għajnuna li nagħtu bħala mogħdrija biex ngħinu l-faqar. Hekk il-Gvern jagħti l-limosina, dik ix-xi ħaġa fix-xahar, lir-romol.

F'*agar* hemm il-ħsieb ta' karità f'għamla ta' *ħlas*; f'*karità* sentiment ta' *għożża* Nisranija, f'*elemosina* sentiment ta' *mogħdrija* w xewqa ta' għajnuna lil min hu fil-bżonn (*filantropija.*)

## AGRIMENSUR, PERIT, QEJJIES

*Agrimensur* (Lat. *ager*, raba', *mensor*, qejjies), jingħad, kif jurina nisel il-kelma għall min għandu s-sengħa li jqis ir-raba'. Għalkemm tinsab fid-dizzjunarju ta' Falzon, illum dil-kelma qajla tinstama' għax minn flokha tingħad il-kelma *perit* (Lat. *peritus* imħarreġ) li, mbarra s-sens speċjali, ta' inġinier civil għandha sens ieħor ġenerali ta' bniedem imħarreġ f'sengħa kienet li kienet, u magħżul biex jagħti l-fehma tiegħu fuqha.

Għalhekk aħna għandna l-*perit legali* li hu avukat magħżul mill-Qorti biex jagħti l-fehma tiegħu fuq punti tal-liġi, il-*perit mediku* fuq punti tal-mediċina eċċ. Il-Malti għandu biss il-kelma ġenerali *qejjies* u din tfisser kull bniedem li jqis. Mela *qejjies* l-agrimensur, il-perit, il-ħajjat u nies oħra tas-snajja' u mhumiex. Agrimensur, bil-Għarbi *massaħ el arḍ*, bil-Malti tista' titfisser b'*qejjies l-art* jew *ir-raba'*, jonkella b'sens applikat qejjies il-bini (djar).

L-ewwel żewġ kelmiet juru bniedem tas-sengħa f'sens speċjalj, ta' l-aħħar f'sens ġenerali.

## AĦ, AJMA

*Aħ* (Għ. *ah*, alas!) l-aktar li turi wġigħ fil-ġisem imma ninqdew biha wkoll meta nistagħagħbu b'xi ħaġa, sew jekk nifirħu biha kif ukoll jekk le. Hekk ngħidu "Aħ! x'kemxa flus dik!" Ma' *aħ* niġu li ngħaqqdu *ħej* bħala esklamazzjoni miżjuda ta' stagħġib u ngħidu "Aħħ ħej! titlef mitt lira!"

*Ajma* (Sq. *Oime* (Mort.) u *aima* (Barb.) mibnija minn żewġ esklamazzjonijiet *aj*+*ma*, l-aktar li turi uġigħ fil-ġisem jonkella dwejjaq. Bħal *aħ* ninqdew biha biex nuru stagħġib ukoll b'xi ħaġa li ma tkunx togħġobna. Hekk ngħidu, "*Ajma* kemm kont toħroġ raġel li nqast minn kelmtek!". Għas-saħħa tiġi li tingħaqad magħha l-kelma *ħej* u ngħidu "*ajma ħej* kemm kont naħbat tajjeb li smajt minnek! Tingħaqad ukoll mal-kelma jommi (Għ. Ja'ummi) biex infissru *ironija* jew *tmaqdir*, "*Ajma jommi* x'raġel fik!"

Mela *aħ* u *ajma* t-tnejn juru wġigħ tal-ġisem (uġigħ fisiku) jew stagħġib imma *ajma* turi wkoll dwejjaq (uġigħ morali.)

## AĦRAX, ASPRU, FEROĊI, IEBES, KIEFER, KRUDIL, MQIT, QALIL.

*Aħrax* (Għ. 'aħrax, rough to the skin. Hava). Fis-sens letterali jingħad għal ħaġa li mhix mielsa, bħal ma hu l-blat bil-ponot. L-Aħrax tal-Mellieħa hu l-isem ta' biċċa art mimlija blat aħrax lejn in-naħa tal-punent ta' Malta qrib il-Mellieħa. Ras Maħrax hu l-blat li jaħbat fuq il-għar ta' Kollarina x-Xlendi. Fis-sens imxebbah *aħrax* mela hu min ma tirbħux bil-ħlewwa ta' kliem eċċ. u min dak li jagħmel jagħmlu bil-qawwa kollha mingħajr ma jbiġġel mhux ta' bil-fors għax hu *krudil*, *kiefer*, *aspru*, *feroċi* jew *mqit* imma għax biex iseħħ dak li jixtieq jew dak li hemm bżonn jeħtieġlu ikun *iebes* (q.v.) jew *qalil* (q. v.). *Aħrax* jingħad ukoll għamil bħal dan.

*Aspru* (Lat. *asper*, rude, jingħad għal-bniedem nieqes mill-ħlewwa fl-imġiba tiegħu għax hu *mqit* (q.v.) jew nieqes mill-edukazzjoni fil-waqt li *aħrax* hu dak il-bniedem (*qalil* q.v.) li ma jafx bi ħniena jew ħlewwa mhux għax hu njorant imma għax qalbu ġġib jew inkella għaliex biex jasal għall-ħsieb tiegħu jemmen f'mezzi qawwija.

*Feroċi* (Lat. *ferox* minn *fera* bhima) jingħad għall-bniedem li mhux biss hu *aħrax* (q.v.) u *qalil* (q. v.) u jista' jkun *aspru* (q.v.) imma li fil-qilla wil-ħruxija tiegħu sa jitlef ir-raġuni u jsir jixbah il-bhima. *Feroċi* hi l-liġi ħarxa li tistħoqq aktar il-bhejjem milli n-nies, *feroċi* hu l-maġistrat li l-imġiba tiegħu tixbaħ aktar lil tal-bhejjem milli tan-nies.

*Iebes* (Għ. *jâbis*, *niexef*) jingħad fis-sens letterali għal xi ħaġa li meta tmissha jew taħbatha, ma terħix taħt id-daqqa, tibqa' soda. Minn hawn fis-sens imxebbah jingħad għall-bniedem li tgħidlu x'tgħidlu ma jmejjilx rasu, inkella bniedem mhux dħuli, ma jagħtikx wiċċ, imnieħru merfugħ (Ing. stiff).

*Kiefer* (Għ. *kâfir*, ungrateful; a disbeliever. Hava). Kif juri l-għamil *kafara* "to be an unbeliever, to be ungrateful (Hava.)" jingħad għall-bniedem ingrat, fis-sens storiku għax jiċħad id-din tiegħu u b'hekk ikun qed juri li nesa l-ġid li għamel miegħu Alla. Imma l-lum b'kiefer sirna nifhmu jew ingrat ma' min għamlilna l-ġid jew bniedem qalbu ġġib biss. U hekk l-eqreb sinonmu ;tagħha hi l-kelma missellfa li ġejja:

*Krudil* (Lat. *crudus* mhux misjur (ikel), mhix imfejjqa (ġerħa), mnejn ħarġet *crudelis* "bniedem li ma jurix ħniena". Is-sens tal-kelma kif daħlet fil-Malti jaqbel mal-Latin u wit-Taljan mnejn ħadnieha. Fis-semantika Maltija *krudil* fiha saħħa inqas minn "kiefer" li hi kelma aktar qawwija billi din turi mhux biss bniedem li hu *krudil* imma bniedem li hu *krudil u ingrat.*

*Mqit* (Għ. *maquta*, to be hateful, *maqît*, hated, loathesome. Hava). Jingħad għall-bniedem li l-imġiba tiegħu hi hekk *aspra* (q.v.) li jġagħlek toborħdu jew tistmellu, u titbiegħed minnu.

*Qalil* (minn *qell*, verb trux jew *qliel* sura IX, li ma tinsabx fid-dizzjunarji Maltin. Qabbel Għ. *'aqalla* (IV) to seize, fear (Hava.) Corripuit aliquem tremor (Freytag). Is-sens Malti jintrabat mas-sura X. 'istaqalla = to grow angry (Hava). Bħala sinonmu tal-kliem imsemmi jingħad għall-bniedem "ta' qilla" (qb. Għ. *qilla* "tremor, palpitatio ex ira aut desiderio"(Freytag). jiġifieri ta' dixxiplina kbira, bniedem li ma jerħix ruħu

imma jfittex li xi liġi jew inkella ħsieb tiegħu iseħħ mingħajr tfixkil. Għalhekk il-bniedem *qalil* mhux bil-fors hu krudil għalkemm jekk xi ħadd ifixklu, ikollu juri ruħu *aħrax* (q. v.)

## AĦBAR, BXARA, ĦBAR, (jew ĦBIR), ĦABAR

*Aħbar* (Għ. *akħbar* pl. ta' kħabar, *news* minn *kħabar*, to announce) jingħad għal dak it-tagħrif ġdid ta' ġrajjiet li wieħed ma kienx jaf bihom. L-aħħar aħbarijiet tal-gwerra jingħataw bit-tagħrif ta' l-aħħar ġrajjiet jonkella bit-tagħrif ta' ġrajja qodma imma għad mhux magħrufa. Għalkemm *aħbar*, bil-grammatka, hi l-plural ta' *ħabar* (q.v.), fis-sens tal-lum saret tif-tiehem għas-singular biss u għall-plural titbiddel f'*aħbarijiet.*

*Bxara* (Għ. *bâxara*, joyful news, Catafago) tingħad l-aktar fis-sens ta' "aħbar tajba w għall-għarrieda," imma tingħad ukoll fis-sens ta' "kull aħbar għall għarrieda għax m'hix mistennija kienet li kienet (qb. Għ. *baxar* relating news in general, good or bad, Catafago)" Hekk lil xi ħadd li jagħtina xi aħbar ma konniex nistennewha u li ma fraħniex biha ngħidulu "bxara bħal din kont qed nistenna !"

*Ħabar* (Għ. *kħabar*, news, rumour, story qb. aħbar) jingħad għad-daqq tal-qniepen meta *jħabbru* l-mewt ta' xi ħadd. Jgħid il-qawl "Agħti, Mulej, is-sabar sa daqq il-ħabar." *Ħabar* jingħad ukoll il-kliem żejjed li bih wieħed ixandar għawaru jew għawar ħaddieħor man-nies. Lil xi ħadd li jħobb ilablab man-nies fuq ħwejjeġ ta' ġewwa, ngħidulu "M'hemmx bżonn tagħmel ħabar", jiġifieri lin-nies m'hemmx għalfejn tħabbar-hom (=tagħmilhom jafu) dak li ma għandhomx ikunu jafu.

*Ħbar* jew *ħbir* (Bħal *aħbar* mill-Għ. *khabara*, to announce) jingħad għal dak li tħoss il-qalb meta wieħed ikun qed jistenna, jew kif ngħidu, qalbu *teħbru* li se ssir xi disgrazzja jew jinqala' xi għawġ. *Ħbar* tiġi li tinstama' bħala taqsira ta' *aħbar* bħal meta ngħidu "xi ħbar għandna llum?"

## AĦJAR, ITJEB

*Aħjar*(Għ. *khajr* good, better (Hava)—*khajr*, *akbhîr* = better, Catafago.). Fil Malti dil-kelma hi isem bis-sura ta' aġġettiv fil-grad komparattiv waqt li *kħajr* fil-Għarbi hija nom u tfisser 'good' u din hi l-istess kelma li fil-Malti tfisser 'inducement', mnejn aħna noħorġu *ħajjar* to induce one to make a choice. Fil-Għarbi l-isem *kħajr* jintuża bħala komparativ. Hekk bil-Għarbi : *huwa kħajr minnka* = bil-Malti "huwa aħjar minnek". Imma '*akhjar* bħala komparattiv mhux klassiku

jinsab ukoll fil-Hava. Din l-għamla ma' tinsabx f'Beaussier. Dictionnaire Arabe Francaise (Għarbi ta' l-Afrika ta' fuq).

*Aħjar* bħala isem mibni fuq ix-xebħ ta' l-aġġettiv (sura *aqtal*), jingħad l-aktar biex wieħed ifisser mhux biss li l-kwalità ta' xi ħaġa jew bniedem sew fisika kemm morali hija fi grad aqwa, imma wkoll l-għalhekk wieħed jaqbillu *jagħżilha* flok oħra. Jiġifieri f'*aħjar* mhux biss hemm l-idija ta' kwalità aqwa imma wkoll l-idija ta' l-*għażla* tal-ħaġa li tkun. Hekk ngħidu "Ċensu aħjar minn Ħuh għad li dan hu itjeb", jiġifieri jaqbel li wieħed jagħżel lil Ċensu għal xi kwalitajjiet li huma aqwa minn dawk ta' Ħuh għalkemm dan hu aktar tar-ruħ.

*Itjeb* (Għ. *atjab*, better) mbarra milli kif jidher mill-eżempju li għadna kif tajna jingħad biex nfissru *kwalità morali* fi grad aqwa, jingħad ukoll biex infissru *kwalità fiżika* imma mingħajr l-idija li wieħed jaqbillu *jagħżel* il-ħaġa jew il-bniedem li jkun għax *aħjar* (q.v.). Eż. Il-ħut hu itjeb mill-laħam. Kieku flok *itjeb* għidna *aħjar* konna nfissru mhux ta' bilfors *itjeb fit-togħma* imma li *jaqbel* li wieħed jixtri jew jiekol eċċ. il-ħut aktar milli l-laħam.

Ġ. AQUILINA

(*Fadal*)